MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 749/2000/1

**Anthony u Mary konjuġi Magri bħala kuraturi ad litem tal-minuri Donna Magri u b'digriet ta' l-1 ta' Marzu, 2005 l-atti ġew trasfużi f'isem Mary Magri u binha Elvin Magri stante l-mewt ta' Anthony Magri li miet fil-mori tal-kawża.**

**-vs-**

**Daniel Magri u b'digriet tal-31 ta' Ottubru, 2005 l-atti ġew trasfużi f'isem Josephine Magri stante l-mewt ta' l-istess Daniel Magri, li miet fil-mori tal-kawża.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-18 ta' April, 2000 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Illi bint l-atturi Donna Magri kienet involuta f'inċident awtomobilistiku fit-23 ta' Ottubru, 1998 fi Triq l-Imdina, Ħal Qormi, meta l-konvenut li kien qiegħed isuq vettura tal-kiri Opel AAD 678 tajjar lill-istess Donna Magri li dak il-ħin inzertat kienet qegħda taqsam it-triq;

Illi konsegwentement l-istess Donna Magri sofriet ġrieħi gravi u kienet ukoll, għall-perjodu ta' żmien, fil-periklu li titlef ħajjitha;

Illi l-istess Donna Magri sofriet danni konsistenti f'disabilita' permanenti kif iċċertifikata l-Consultant Surgeon Mr. A. Zammit, M.D., F.A., fuq Chirg. (Dok A);

Illi tali inċident awtomobilistiku ġara tort unikament tal-konvenut minħabba negliġenza, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku u kwindi huwa responsabbli għad-danni sofferti mill-isess Donna Magri;

Għalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex;

1. tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli għad-danni sofferti minn Donna Magri in segwitu għall-inċident awtomobilistiku tat-23 ta' Ottubru, 1998 fi Triq Mdina, Ħal Qormi għar-raġunijiet supremessi;

2. tikkundanna d-danni sofferti minn Donna Magri okkorrendo bl-opra ta' perit nominand;

3. tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittri uffiċjali tat-12 ta' Novembru, 1998, u ta' l-ittra uffiċjali tat-18 ta' April, 2000, bl-imgħax relattiv sal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi maħlufa, u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digrieti ta' l-1 ta' Marzu, 2005 u 31 ta' Ottubru, 2005 li permezz tagħhom saret it-trasfiżjoni tal-ġudizzju stante l-mewt tal-kontendenti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Josephine Magri ppreżentata fis-26 ta' Jannar, 2006 li permezz tagħha eċċepiet;

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni attriċi hija preskritta a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili minħabba illi sal-11 ta' Jannar, 2006, la d-decujus Daniel Magri u lanqas l-eċċipjenti ma kienu ġew notifikati bl-att taċ-ċitazzjoni tal-kawża odjerna;

2. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, Daniel Magri ma kellu l-ebda ħtija jew responsabilita' għall-inċident li seħħ fit-23 ta' Ottubru, 1998, fi Triq l-Imdina, Ħal Qormi illi fih l-attriċi Donna Magri allegatament soffriet xi diżabilita' permanenti, u dan kif jista' jirriżulta waqt it-trattazzjoniji tal-kawża;

3. Illi inoltre, u dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, l-attriċi Donna Magri ma soffriet l-ebda diżabilita' permanenti bħala konsegwenza ta' l-inċident *de quo*;

4. Illi jsegwi li ma hemm l-ebda danni x'jiġu likwidati favur l-attriċi, fil-konfront ta' l-eċċipjenti;

5. Illi jsegwi wkoll illi l-eċċipjenti ma għandhiex tiġi kkundannata tħallas l-ebda danni lill-attriċi;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2006 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar it-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta' kjamata in kawża.

Rat l-atti proċesswali kollha.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher il-konvenuti qed jeċċepixxu l-preskrizzjoni skond il-Kodiċi Ċivili, mingħajr pero' ma ndikaw eżatt liema preskrizzjoni qed jinvokaw. Eventwalment bil-verbal tas-seduta tal-15 ta' Frar, 2006 ġie preċiżat illi l-konvenuta qed teċċepixxi l-preskrizzjni taħt l-Artikolu 2153.

Miċ-ċitazzjoni u anke mill-provi jirriżulta li l-attur qed jitlob kundanna u ħlas għal danni u għalhekk l-preskrizzojni applikabbli hija ta' sentejn u allura dik applikabbli skond l-artikolu msemmi, liema perjodu żgur skada san-notifika taċ-ċitazzjoni (11 ta' Jannar 2006 – meta l-inċident gara fl-1998)

Għalhekk il-Qorti trid tara jekk l-istituzzjoni tal-kawża waqqfitx il-preskrizzjoni jew għandux japplika l-Artikolu 2130 li jgħid li *l-preskrizzjoni ma tinkisirx jekk in-notifika ta' l-att ġudizzjarju ma ssirx qabel jagħlaq xahar li għandu jibda jgħodd mill-aħħar jum taż-żmien li hemm għall-preskrizzjoni.*

Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza mogħtija fl-1 ta' April, 2005 qalet hekk;

"*Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Dr E Woods noe vs David Jones et irriteniet hekk ; L-artikolu 2130 tal-Kapitolu 16 ma hux applikabbli għall-att taċ-ċitazzjoni billli dan l-att jikkostitwixxi talba ġudizzjarja ai termini ta' l-Artikoli 2131 u 2132 tal-Kodiċi Ċivili. Il-preskrizzjoni ġiet interrota appena saret it-talba ġudizzjarja ta' l-attur bil-preżentata taċ-ċitazzjoni. L-Artikolu 2130 japplika meta si tratta ta' ittra uffiċjali jew xi att ġudizzarju ieħor skond l-Artikolu 2128 li bih il-kreditur juri li bi ħsiebu jżomm il-jedd tiegħu ta' azzjoni fil-konfront tad-debitur.*

*Il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-kawża* Briffa vs Debono *deċiża fis-7 ta' Lulju, 1992 fejn saret distinzjoni bejn l-att rinnovattiv ta' l-azzjoni (bħal ma hija l-ittra uffiċjali jew protest) u l-att esekuttiv tagħha (bħal ma hija ċ-ċitazzjoni).*

Il-Qorti tħoss li *una volta* li ġiet preżentata l-kawża u sakemm il-kawża tkun għadha għaddejja, il-preskrizzjoni ma terġax tibda tiddekorri għaliex altrimenti l-attur ikollu dejjem joqgħod jinnotifika lill-konvenut anke matul il-kors tal-kawża jekk il-perjodu preskrittiv applikabbli jerġa' jkun għadda. Dawn il-prinċipji ġew ukoll aċċettati minn din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Pierre Abela vs G V Xuereb Limited deċiża fl-14 ta' Ġunju, 2006.

**Il-Qorti għalhekk filwaqt li tibbjasima lill-atturi għal ċerta non kuranza li werew matul il-kawża, se tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a bażi ta' dan l-insenjament.**

**Għal dawn il-mottivi il-Qorti tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta. Spejjeż ta' din l-istanza riservati għal ġudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------